MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 509/2014

**Fl-Atti tal-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv 665/2014 fl-ismijiet :-**

***Saviour Pisani (K.I. Nru. 964644M)***

***vs***

***Keith u Loriane konjugi Tizzo (K.I. Nru. 78959M u K.I. Nru. 49060M rispettivament)***

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li Keith u Loriane konjugi Rizzo ("l-esekutati") pprezentaw fit-12 ta` Gunju 2014 fejn – ghar-ragunijiet hemm specifikati – talbu lil din il-Qorti sabiex :-

*ai termini ta` l-artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta thassar il-Mandat Ezekuttiv 665/2014 parzjalment b`tali mod li l-ammont mitlub jigi mnaqqas ghal ghaxart elef u sitt mija u sitta u sebghin Ewro hamsin centezmu (€10,676.50) ossia l-ammont mitlub minn Saviour Pisani minghajr l-imghaxijiet ...*

Illi l-esekutati qeghdin jaghmlu din it-talba, ghaliex qeghdin jikkontendu illi una volta li fir-rikors guramentat fl-ismijiet *Saviour Pisani vs Keith Rizzo et*, li kien deciz kontra taghhom fl-4 ta` Mejju 2009, Saviour Pisani ("l-esekutant") ma talabx il-hlas tal-imghax, flimkien mas-sorte u l-ispejjez gudizzjarji, ma setax jitlob il-hlas tal-imghax legali fil-Mandat – lanqas b`effett mid-data tas-sentenza – kif fil-fatt ghamel.

Rat ir-risposta li l-esekutant ipprezenta fil-25 ta` Gunju 2014 fejn – ghar-ragunijiet li semma – talab lill-Qorti sabiex tichad it-talba tal-esekutati.

**Illi l-esekutant isostni l-infondatezza tal-pretensjoni tal-esekutati principalment abbazi tal-insenjamenti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 2005 fil-kawza *Costantino Abela vs George Azzopardi*.**

Illi r-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-30 ta` Gunju 2014 fis-1.30 p.m. F`din l-udjenza, id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, u r-rikors thalla sabiex jinghata provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

**Il-pern tal-kwistjoni huwa jekk jiddekorrix imghax fuq is-sorte, effett ta` sentenza li tghaddi in gudikat, meta fir-rikors guramentat, li jippromwovi l-azzjoni, ma jkunx intalab specifikament il-hlas tal-imghax, izda jkun intalab il-hlas tas-sorte u tal-ispejjez gudizzjarji.**

**Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta` Ottubru 2005 fil-kawza *Costantino Abela vs George Azzopardi* twiegeb bis-shih ghal-lanjanza tal-esekutati.**

Illi l-mertu ta` dik il-kawza kienet azzjoni ghal danni *ex delicto* bhala konsegwenza ta` *hold up.* L-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta` ammont **likwidat** li tieghu kien safa` derubat ; talab ukoll il-hlas tal-ispejjez gudizzjarji.

Illi bhala fatt l-attur ma ressaqx talba ghall-hlas tal-imghax fuq is-sorte.

Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti - wara li ddikjarat lill-konvenut responsabbli ghall-*hold up* – ikkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-sorte bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni – oltre l-ispejjez tal-kawza.

Illi l-konvenut appella.

Illi t-tielet aggravju tal-appell tal-konvenut kien ighid hekk :-

*" … minkejja li l-attur appellat ma pproponiex talba appozita ghad-dekorriment ta' l-interessi fuq is-somma minnu pretiza f'din il-kawza, l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tipprovdi fuq din it-talba inezistenti."*

**Illi l-Qorti tal-Appell cahdet it-tielet aggravju u skartat il-pretensjoni tal-*extra petita* tal-appellant billi ghamlet riferenza ghall-Art 1141 tal-Kap 16.**

Illi l-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

… *fil-fehma ta' dina l-Qorti, it-tieni talba attrici tammonta ghal "sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju" ;*

***A skans ta' ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri ope legis l-imghax fuq l-istess kapital ;*** (enfasi ta\` din il-Qorti).

**Illi din il-Qorti - filwaqt li taghmel taghha dan l-insenjament – tirrespingi bhala infondata fid-dritt il-pretensjoni tal-esekutati.**

Illi l-Qorti trid tissenjala l-kawtela li wera l-esekutant fl-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li kien kiseb fil-konfront ta\` l-esekutati fis-sens illi filwaqt illi bir-ragun kollu kellu jedd jitlob fil-Mandat hlas ta\` imghax legali b\`effett mid-data tan-notifika lill-esekutati tar-rikors guramentat, fil-fatt ghazel li fil-Mandat jitlob il-hlas ta\` l-imghax legali b\`effett mid-data tas-sentenza.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba ta` Keith u Loraine konjugi Rizzo, kif dedotta fir-rikors taghhom tat-12 ta` Gunju 2014, bl-ispejjez kollha jbatuhom l-istess Keith u Loraine konjugi Rizzo.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------